FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 16 ta' Mejju 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Bernard Attard**

Kawża nru. 6017/2025 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Bernard Attard,** iben Calcedonio u Maria Theresa xebba Zammit, imwieled Żebbuġ (Malta) nhar l-20 ta' Novembru 1991 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 580191M, akkużat talli:

1. Nhar il-5 ta' Mejju 2025 u fil-ġimgħat ta' qabel, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. nhar 26 ta' Frar 2025, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, ittevoka contrario imperio d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Bernard Attard, kif ukoll tordna li l-ammont stabbilit bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

L-imputat qiegħed jiġi akkużat bi ksur tal-kundizzjonijiet f'digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech data 26 ta' Frar 2025. Mid-digriet, li vera kopja tiegħu tinsab fl-atti immarkata bħala DOK BA4, jirriżulta li waħda minn dawn il-kondizzjonijiet taqra hekk:

"li ma kellimx jew javviċina la direttament w anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jew persuni imputati b'reati simili jew li hi taf li huma involuti, mqar indirettament, fuq reati simili inkluż l-imputata Maria Rita Spiteri jew Deborah Calleja."

Jirriżulta illi Maria Rita Spiteri irraportat lill-pulizija illi l-imputat kien qiegħed jagħmel kuntatt magħha, primarjament billi jċemplilha u jibgħatilha xi messaġġi permezz ta' Whatsapp. Il-prosekuzzjoni preżentat ir-rapporti li Spiteri għamlet permezz ta' emails mibgħuta lill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Lara Butters fis-27 ta' April 2025 u fis-6 ta' Mejju 2025, immarkati bħala DOK BA5 u DOK BA6, li magħhom hemm annessi *call logs* u messaġġ fuq Whatsapp. Spiteri telgħet tixhed quddiem din il-Qorti u preżentat dokument immarkat bħala DOK MRS1 li juri *call logs* u messaġġ fuq Whatsapp. Spiteri xehdet illi hija ko-imputata fil-proċeduri penali li fihom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest u li l-Maġistrati sedenti kienet għamlitha ċara li l-ko-imputati ma kellhomx ikollhom kuntatt bejniethom. Qalet li minkejja dan huwa beda jagħmel '*heart emojis'* fuq ir-ritratti tat-tfal tagħha fuq Facebook, u bagħtilha xi mesaġġi iżda hi ma rrisponditux. Xehdet ukoll illi peress illi l-mobile tagħha għandu setting biex jaqta' mill-ewwel telefonati li jkunu ġejjin minn numri li mhumiex *saved* fil-*contact list* hija rrealizzat li kien qed iċċempililha l-imputat għaliex sabiex il-missed calls tiegħu. Qalet li hija ma kinitx irrispondiet la t-telefonati u lanqas il-messaġġi li kien bagħtilha l-imputat. Hija xehdet ukoll li l-imputat kien qiegħed jipprova jikkomunika magħha tramite terzi, iżda wkoll ma kinitx qed tirrispondi.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2025 id-difiża iddikjarat li kien hemm qbil li n-numru '77774006' huwa tal-imputat, u li kien hu li għamel it-telefonati li jidhru fuq il-*call logs* preżentati b'dan in-numru, u wkoll li kien hu li bagħat il-messaġġi fuq Whatsappli jidhru bl-isem 'Bernard Attard', u li għalhekk id-difiża kienet qed teżenta mill-ħtieġa li jiġi maħtur espert sabiex jagħmel estrazzjoni tal-*mobile* tal-imputat.

L-imputat għażel li jixhed u ammetta bil-ġurament tiegħu li verament kien ċempel u bagħat mesaġġi kif jidhru fid-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni u Maria Rita Spiteri, ħlief għal dak li jidher mibgħut minn 'amandaborgmanduca@icloud.com'. Xehed li hu

kien għamel kuntatt ma' Spiteri biss sabiex isaqsiha meta reġa kellhom jidhru l-Qorti, peress li kien tilef ir-riferta. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni għalfejn ma staqsix lill-avukat jew lill-Ispettur Butters għal din l-informazzjoni, xehed li l-aħħar li nstemgħet il-kawża l-avukat tiegħu ma kienx preżenti u għalhekk ma setax jistqsi lilu.

Il-Qorti tosserva illi d-digriet tal-ħelsien mill-arrest surreferit jimponi projbizzjoni ċara fuq l-imputat milli jikkomunika b'xi mod, inkluż indirettament, ma' Maria Rita Spiteri, u ma jagħmel l-ebda eċċezzjoni. Għalhekk ma jistax ikun hemm dubbju li l-imputat kiser kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest meta ċempel u bagħat messaġġi lil Spiteri, kienet x'kienet ir-raġuni għalfejn għamel hekk, xi ħaġa li huwa stess ammetta bil-ġurament li għamel. Jekk verament l-imputat kellu bżonn jiċċekja d-data tad-differiment tal-kawża kien hemm diversi modi kif seta' jikseb din l-informazzjoni li ma kinux jinvolvu lil Spiteri. Għaldaqstant il-komunikazzjoni li l-imputat għamel ma' Spiteri ma tistax titqies bħala ġustifikata.

Fi kwalunke każ din il-Qorti issibha verament diffiċli temmen li din kienet ir-raġuni għalfejn l-imputat kien qiegħed jipprova jagħmel kuntatt ma' Spiteri ikkonsidrat mhux biss id-diversi telefonati li għamel imma wkoll il-fatt illi fil-messaġġ li bagħat lil Spiteri fil-5 ta' Mejju 2025 fl-16:53 qal lil Spiteri "Call me." Il-Qorti issibha diffiċli temmen li l-imputat ried biss jistaqsi dwar id-data tad-differiment tal-kawża meta talab lil Spiteri sabiex iċċempillu. Dan partikolarment ikkonsidrat illi inqas minn għaxar minuti qabel, l-imputat bagħat lil Spiteri żewġ messaġġi li mbagħad ħassar. Mhuwiex verosimili li l-imputat kien qed jistaqsi biss dwar id-data tad-differiment u ħass il-bżonn li jħassar dawn il-messaġġi, kif filfatt ma ħassarx il-messaġġ li bagħat fis-6 ta' Mejju fejn qal "Meta qorti Qx [*sic*] tlifta."

Fir-rigward tal-ikkalibrar tal-piena, id-difiża argumentat li l-ksur in kwistjoni huwa wieħed minimu u ta' ftit importanza, u għalhekk l-imputat m'għandux jitlef il-ħelsien mill-arrest jew id-depożitu u l-garanzija li għamel għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest. Din il-Qorti pero ma taqbilx mal-argument tad-difiża. L-ewwel nett, il-fatt li d-difiża ma qablitx mal-ħtieġa li tiġi mposta kundizzjoni li l-imputat ma jagħmilx kuntatt mal-ko-imputati tiegħu fil-kawża fejn ingħata l-ħelsien mill-arrest hija kwistjoni irrelevanti għall-finijiet tal-ikkalibrar tal-piena. Din il-kundizzjoniji ġiet imposta u għaldaqstant kellha tiġi segwita rigorożament mill-imputat. Jekk l-imputat ma qabilx ma' din il-kundizzjoni is-soluzzjoni kienet li jitlob lil dik il-Qorti riforma tad-digriet tagħha u mhux li jieħu l-liġi b'idejh u jinjora l-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti. Ladarba il-Qorti Stuttorja ħasset il-ħtieġa li timponi din il-kundizzjoni żgur li kien hemm raġuni tajba li tiġġustifika l-ħtieġa tagħha, u mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tevalwa l-ħtieġa tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat. Inoltre, ftit li xejn jista' jitqies li l-ksur kien wieħed minimum u ta'

ftit importanza meta wieħed iqis li l-imputat wera disprezz assolut lejn din il-kundizzjoni u prova jagħmel kuntatt ma’ Spiteri diversi drabi fuq medda ta’ jumejn, inqas minn tlett xhur wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest, u ma wera l-ebda rimors għall-aġir tiegħu meta tressaq quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Priviledge Mupimhidzi** deċiża fid-29 ta’ Lulju 2024 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “…meta persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest hija għandha taderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu b’mod rigoruż.
> […]
> Fir-rigward tar-revoka tal-ħelsien mil-arrest u tal-arrest mill-ġdid tal-appellant allura imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u qieset li l-Prosekuzzjoni talbet ir-revoka tal-ħelsien u l-arrest mill-ġdid tal-appellant u tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet dawn iż-żewġ talbiet imsemmija u dana fid-dawl ta’ dak li ngħad li persuna għandha taderixxi b’ mod rigoruż mal-kundizzjonijiet meta tingħata l-ħelsien mill-arrest.”

Għaldaqstant, wara li ħadet in konsiderazzjoni dak kollu appena spjegat u l-fedina penali tal-imputat, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest hija proporzjonata. Fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern tal-garanzija, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ikun proporzjonali li tiġi konfiskata nofs is-somma depożitata mill-imputat bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta kontra tagħha, u tikkundannah għal piena ta’ priġunerija ta’ sena li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed tiġi sospiża għal sentejn.

Il-Qorti tilqa` t-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta’ Frar 2025, u tordna l-arrest mill-ġdid b’effett immedjat tal-imputat.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ tlett elf ewro (€3,000) depożitata għall-finijiet ta’ Ħelsien mill-Arrest bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, datat 26 ta’ Frar 2025.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Deputat Reġistratur